MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 1183/2013

**Fl-Atti tal-kawza numru 1137/13**

**JPG fl-ismijiet:**

**Cassar Fuel Ltd (C-28453)**

**VS**

**Il-Bastiment bl-isem MV K Dadayli li ghandhu IMO numru 9280225 wara l-hrug tal-mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-bahar 'il fuq minn ghaxar metri (kawtelatorju) numru 1796/2013 JM**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-Bastiment MV K Dadayli (IMO numru 9280225) tal-11 ta' Dicembru 2013, li wara li premetta:

*"Illi fil-21 ta' Novembru 2013 ghall-habta tan-nofsinhar, il-bastiment MV K Dadayli li kien qed jivvjagga minn Gabes gewwa Tunizija sa Ravenna gewwa l-ltalja, dahal fl-ibhra territorjali ta' Malta u specifikament gewwa bunkering area ghall-waqfa qasira sabiex jigu forniti bunkers abbord l-istess bastiment.*

*Illi konsegwentament meta l-bunker barge mar vicin l-bastiment intimat sabiex jaghtih l-bunkers gie nfurmat mill-Awtorita Marittima (u specifikament mill- Valletta Port Control) illi dan ma setax jipprocedi bit-trasferiment tal-bunkers il-ghaliex l-Awtorita' ta' Transport f Malta gew notifikati b'mandat tal-anest kontra l-bastiment intimat u konsegwentament ma setax jiehu bunkers.*

*Illi dan il-mandat ta' arrest kawtelatorju (numru **1796/13 JM**) kien mahrug f isem is-socjeta' Maltija Cassar Fuels Ltd (C-28453) ghas-somma ta' US$ 27,370 **allegatament** dovuti mill-bastiment intimat ghall-fornitura ta' zejt (fuel) skond fattura nurnru 018116 li giet annessamall-istess mandat. Ghal kull buon fini, kopja ta' dan il-mandat ta'arrest qed tigi annessa u mmarkata bhala Dokument **AA1**.*

***Illi kif ser jigi spjegat fid-dettal permezz ta' dan ir-rikors, jirrizulta illi dan il-mandat ta' arrest huwa illegali u nhareg b'mod malizzjuz u dan il-ghaliex m'hemmx gurisdizzioni in rem kontra l-bastiment intimat!! Nonostante dan xorta wahda s-societa' attrici arrestat l-bastiment bit-tama li forsi s-sid tal-bastiment ihallasha xi haga.***

*Illi minkejja n-natura illegali tal- imsemmi mandat kif ser jigi spjegat fid-dettal hawn taht, u minhabba l-fatt illi l-bastiment kien fuq time trip charter,kten hemm certu urgenza da parti tas-sidien tieghu sabiex dan il-bastiment (a) jigi rilaxxat u konsegwentament (b) jigu forniti l-bunkers u sabiex il-bastiment jkun jista' jerga' jaqbad triqtu lejn l-Itajla.*

*Illi ghalhekk fit-22 ta' Novembru 2013, il-bastiment intimat fetah il-Qorti bl-urgenza u permezz tac-cedola ta'depozitu nurnru l541/20l3 iddepozitat is-sommata' **€20,325.45** bhala garanzija ghall-allegat kreditu pretu mis-socjeta' attrici kif ukoll sabiex tkopri l-ispejjez tal-mandat ta' arrest nru 1796/13. Kopja ta' din ic-cedola tad-depozitu qed tigi annessa u immarkata bhala Dokument **AA2**.*

*Illi sussegwentament, fl-istess gurnata inhareg ukoll kontro-mandat numru 1804/2013 SM stante illi l-ammont ekwivalenti ghall-pretensjoni tal-kumpannija Cassar Fuel Limited gie depozitat fir-Registru tal- Qorti in kawtela tal-istess pretenzjoni permezz tal-fuq imsemmija cedola ta' depozitu.*

Talab lil Qorti joghgobha:

1. ***Tiddeciedi*** *illi l-mandat ta' arrest numru 1796/13 JM huwa illegali kif ukoll malizzjuz:*

2. ***Tiddikjara*** *li ghalhekk l-mandat ta' arrest numru 1796/13 JM ghandu jigi revokat ghal kollox;*

3. ***Tordna*** *r-rilaxx tas-somma ta' €20,325.45 ddepozitata permezz tac-cedola ta' depozitu numru 1541/20l3 a favur il-bastiment intimat;*

4. ***Tiddikjara*** *illi l-bastiment rikorrenti sofra danni ta'€11,071.88 minhabba il-hrug illegali tal-mandat ta' arrest nuffru 1796/13 JM mis-socjeta' attrici Cassar Fuel Limited;*

5. ***Tiddeciedi*** *illi s-socjeta' attrici Cassar Fuel Ltd hija responsabbli ghal dawn id-danni;*

6. ***Tordna*** *lis-socjeta' attrici Cassar Fuel Ltd thallas is-somma ta' €11,071.88 lil bastiment intimat ghad-danni li l-istess bastiment garrab minhabba il-hrug illegali tal-mandat ta' arrest nutnru 1796/13 JM u dan ai termini ta' Artikolu 836 (9);*

7. ***Tiddeciedi*** *illi minhabba dan l-arrest illegali u malizzjuz taghha s-socjeta' attrici Cassar Fuel Ltd ghandha thallas lill-bastiment intimat dawk il-penali ikkontemplati taht Artikolu 861 ta' Kap l2 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' ta' mhux inqas minn hdax il-elf u sitt mitt ewro (€11,600);*

8. ***Tordna*** *lis-socjeta' attrici Cassar Fuel Ltd ghandha thallas lill-bastiment intimat il-penali ikkontemplati taht Artikolu 861 ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ta' mhux inqas minn hdax il-elf u sitt mitt ewro (€11,600);*

9. *Bla pregudizzju ghat-talba numru (6), alternativament* ***tiddeciedi*** *illi minhabba dan l-arrest illegali taghha s-socjeta' attrici Cassar Fuel Ltd ghandha thallas lill-bastiment intimat dawk il-penali ikkontemplati taht Artikolu 836(8)(d) ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' ta' mhux inqas minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centezmu (€6,988.12);*

10. *Bla pregudizzju ghat-talba numru (7), alternativament* ***tordna*** *lis-socjeta' attrici Cassar Fuel Ltd ghandha thallas lill-bastiment intimat il-penali ikkontemplati taht Artkolu 836(8)(d) ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ta' mhux inqas minn hdax il-elf u sitt mitt ewro (€11,600).”*

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’Dicembru 2013 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghas-19 ta’Dicembru 2013 fid-9:15am;

Rat ir-risposta ta’Cassar Fuel Limited tat-18 ta’ Dicembru 2013 li wara li premettiet :

*“Illi bir-rispett u umilment jinghad illi r-rikors numru 1183/13 JPG fl-atti tal kawza numru 1137/13 JPG huwa abbusiv illegali u msejjes b'malizja minn naha tar-rikorrenti kif ser jirrizulta ampjament mill-atti tal-kawza u dokumenti fuq il-materja ;*

*L-azzjoni in rem kontra l-bastiment hija naxxenti mill-konsenja tal-fuel li saret fis-19 ta' Marzu 2012 liema konsenja saret lill-Bastiment Nuri Uzun li issa ismu inbidel ghal K DADAYLI skond f-invoice nuruu 018116 mmarkat Dok AB fl-ammont ta' USD 27,370.00 . Dan jidher accettat ukoll mir-rikorrenti intimati li l-cause of action hija proprju n-nuqqas ta' hlas u pagament ghall fornitura ta' fuel.*

*Jsegwi illi socjeta Maltija ghandha kull dritt illi tuza kull rimedju legali sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha u effettivament tithallas tal-forrnituri li hija tkun ikkonsenjat fl-ezercizju tal' Kummerc onest taghha. Hija kreditrici vera u propja u l-azzjoni in rem hija wahda esercitabbli kontra l-bastiment in kwantu dejn privileggat .”*

Is-socjeta' Cassar Fuels Limited ikkontendiet illi din il-QOrti ghandha tirrispingi t-talbiet tal-bastiment MV K Dadayli 'l ghaliex :

1. Ir-relazzjoni guridika bejn l-agent u s-sidien tal-vapur hija mmaterjali fil-konfront tas-socjeta Cassar Fuel Limited;

2. Il-bastiment naqas li jhallas ghal fuel lilu fornit, u l-allegat hlas li qed jigi vantat li sar, fil-fatt kien hlas ghal konsenja diversa minn dik in kwistjoni;

3. It-tibdil tal-isem tal-Bastiment ma jaffetwax id-dejn fuq il-Bastiment stante li dan id-dejn jsegwi l-Bastiment;

4. It-temp fid-dati tal-incident kien varjabbli forza hamsa (5) skond Dok. MBL u ghaldaqstant kull operazzjoni tal-bunkering kellha tigi sospiza altrimenti jirrizultaw hsarat kemm fuq il-Bastiment kif ukoll fuq il-bunkering barge;

5. Ghar-rigward ta' dewmien bla bzonn, dan huwa imputabbli ghal Bastiment intimat li ghamel ic-cedola tad-depozitu **gurnata wara** l-arrest u biddlu l-Agenti Lokali minn Palm Shipping Limited ghal Troy Ship Management Limited (Dok. AA7);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mil-fatti migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti jirrizulta illi fil-21 ta' Novembru 2013 is-socjeta' barranija Actoil Bunkering Services Ltd ordnat 25 MT ta' MGO fuel minghand is-socjeta' Maltija Cassar Fuel Ltd biex iforni lill-bastiment Nuri Uzun (li kien l-isem precedenti tal-bastiment odjern). L-fattura turi li din is-socjeta' estera kienet ix-xerrejja taz-zejt.

Illi skond il-bunker delivery note numru 017 890, fid-19 ta' Marzu 2012, hamsa u ghoxrin tunnellata mettrika ta' Gas Oil fuel gew transferiti mid-delivery barge Karol Wojtyla lil-bastiment Dadayli **meta kien ghadu msemmi Nuri Uzun**.

Illi minkejja l-instruzzjonijiet indikati fl-order form, Cassar Fuel Ltd harget fattura numru 018116 fid-19 ta'Marzu 2013, **indirizzata lil "Master and/or Owner and/or Charterer of m/v Nuri Uzun, C/o Actoil Bunkering Services Ltd".**

Skond din l-fattura is-somma globali allegatament dovuta hija ta' **US$ 27,370**.

Skond ic-Certifikat mahrug mill-Ministeru tat-Trasport gewwa t-Turkija (Dok. **AA3**), is-socjeta' Turkija **Dede Denizcilik Tasimacilik Ticaret Ltd.Sti**, xtrat dan il-bastiment fit-**30 ta' Marzu 2012** u cioe' **in segwitu tal-ordni u fornitura** tal-bunkers in kwistjoni. Din is-socjeta’ biddlet l-isem tal-vapur ghal **MV K Dadayli**.

Illi Dok. **AA4** a fol. 28, juri li Denizsan Hidromekanik San ve Tic A.S**(is-sidien l-antiki tal-vapur)** kienu ordnaw bunker fuel minghand Actoil Bunkering Services Ltd, liema socjeta’xtrat iz-zejt minghand Cassar Fuel Limited, u li s-socjeta' Actoil Bunkering Services Ltd kienet qed tbiegh dawn l-bunkers lis-sidien l-antiki Denizsan Hidromekanik San ve Tic A.S fil-kapacita'taghha bhala bunkering trader u mhux bhala agent tal-bastiment, kif jidher minn Dok.**AA5** a fol. 32.

Di piu’ skond Dok. **AA6** a fol. 34 **(swift bank transfer**) s-socjeta' Denizsan Hidromekanik San ve Tic A.S kienet halset lis-socjeta' Actoil Bunkering Services Ltd ghall-diversi ordnijiet li ghamlet inkluz dik ghall-bastiment Dadayli.

Minn naha l-ohra s-socjeta’ Cassar Fuel tikkontendi, li hija l-prattika kostanti illi kull entita u persuna fis-settur marittimu johrog invoice kontra l-persuna jew / u socjeta li taghmel l-ordni **imma zzom dejjem il-bastiment direttament u konguntivament responsabbli** ghaliex finalment huwa l-bastiment li jgawdi u jaghmel uzu mill-fuel, dan huwa propju l-kriterju wara l-azzjoni in rem.

Illi di piu’ l-hlas illi l-bastiment Dadayli jirriklama illi sar mis-sidien antiki tal-bastiment (M/V Nuri l-Uzun), fil-fatt jirrizulta illi sar versu invoice kompletament diversa ghal dak riklamat.

Gie rilevat ukoll illi l-ispejjez inkorsi mill-bastiment intimat kienu dejjem ser jigu inkorsi stante li kien l-istess bastiment li ghazel li jintavola cedola tad-depozitu, **gurnata wara l-arrest** u li l-ispejjez tal-fornituri fil-port kienu kawza tal-maltemp u mhux tas-socjeta’ Cassar Fuel Limited.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti taghraf illi ghandha tezamina primarjament il-kwistjoni ta’ gurisdizzjoni o meno ta’ dawn il-Qrati ghall-azzjoni in rem proposta minn Cassar Fuel Limited.

Illi l-mandat ta' arrest (Kawtelatorju) numru **1796/13 JM** nhareg fuq il-bastiment Dadayli fil-21 ta’ Novembru 2013 (vide fol. 11 Dok. AA1). Din il-Qorti tippreciza li ghalkemm il-mandat t’arrest 1796/13 jidher bl-inizjali korretti JM, dan il-mandat effettivament gie iffirmat mill-Imhallef Silvio Meli – vide fol. 22. **Ghalhekk ghandu jaqra 1796/13 SM**.

Skond il-ligi nostrana kull kreditur ghandhu d-dritt li jarresta bastiment sabiex jikkawtela pretenzjoni in personam jew inkella in rem. Din il-kawza pero hija msejsa fuq azzjoni in rem.

Il-Qrati Civili f’Malta ghandhom gurisdizzjoni in rem kontra bastiment skond il-provvedimenti tal-Artikoli 742B u 742D tal-Kap. 12 li jistabilixxi ic-cirkostanzi fejn kreditur jista' jiprevalixxi ruhu minn mandat ta' arrest fuq bastiment u jsegwi bil-proceduri in rem kontra l-istess vapur.

Artikolu 742B tal-Kap. 12 jelenka dawk ir-rekwiziti li jaghtu l-gurisdizzjoni in rem fosthom f sub-artikolu (o):

> ***"kull pretensjoni rigward merkanzija, materjal, provizjonijiet, bunkers, provvisti, u necessitajiet forniti lil vapur ghat-thaddim, immaniggar, zamma u manutenzjoni***

> ***tieghu;"***

Di piu' sabiex tigi ankrata gurisdizzjoni in rem kontra bastiment fir-rigward tar-rekwiziti (d) sa (y) tal-Artikolu 742, l-elementi mahsuba taht Artikolu 742D irridu jikkonkorru. L-artikolu 742D tal-Kap. 12 jipprovdi:

> ***"Hlief ghal dawk il-kazijiet li jigbdu fuqhom privilegg specjali skont l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u li, skont l-artikolu 37D(3) tal-istess Att, jibqghu jsehhu l-bejgh volontarju ta'bastiment sa sena wara l-bejgh, fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 742B(d) sa (y), azzjoni in rem tista' ssir fil-qrati civili ta' Malta kontra -***
>
> ***(a) dak il-vapur jew,bastiment, fejn il-persuna li tkun responsabblili pretensjoni ghal azzjoni in personam ("il-persuna rilevanti") kienet, meta nltolqot il-kawza ghall-azzjoni, sid jew noleggatur ta', jew kellha fil-pussess jew taht il-kontroll taghha, il-vapur jew il-bastiment, jekk fiz-zmien meta tingieb l-azzjoni l-persuna rilevanti tkun sid jew sid beneficjarju ta' dak il-vapur jew in-noleggatur taht bareboat charter ta' dak il-vapur ;***
>
> ***(b) Kull bastiment iehor li tieghu, fiz-zmien meta tingieb l-azzjoni, il-persuna rileventi tkun is-sid jew is-sid beneficjarju rigward l-ishma kollha f'dak il-bastiment."***

Dan ifisser illi skond id-dettami Artikolu 742D(a) kreditur ikollu dritt in rem kontra bastiment jekk il-persuna li kienet responsabbli meta nhalqet il-kawza ghall-azzjoni tkun l-istess sid, jew ic-charterer, ikollha kontroll jew l-pussess ta' dak il-bastiment **meta tingieb l-azzjoni** jew tkun l-istess persuna responsabbli, jew tkun is-sid/sid beneficjarju tal-bastiment jew inkella, bareboat charterer.

Fil-kaz in ezami jirrizulta illi **l-persuna responsabbli ghall-allegat kreditu hija s-socjeta' estera Actoil Bunkering Services Ltd u/jew is-sid precedenti tal-bastiment u cioe' Denizsan Hidromekanik San ve Tic A.S**.

Actoil Bunkering Services Ltd jew Denizsan Hidromekanik San ve Tic A.S ma kienux s-sid jew il-bareboat charterers meta nhareg il-mandat ta' arrest numru 1796/13 SM jew meta giet intavolata il-kawza odjerna.

Dan qieghed jinghad ghaliex kif jidher car mlll-Certificute of Registry mahrug mill-Ministeru tat-Trasport tat-Turkija (Dok. **AA3** a fol. 26 et seq) il-bastiment inkwistjoni gie mibjugh lil Denizcilik Tasimacilik Ticaret Limited.

Ta’ min jaccenna illi llum il-gurnata r-ricerka ghal sid ta’bastiment huwa pjuttost facli, u fil-kaz in ezami, isir permezz ta’ ricerka fir-Registru tal-bastimenti tat-Turkija.

Illi din il-Qorti tghaddi biex tezamina gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin dwar privileggi specjali ai termini tal-Artikolu 50 ta' Kap 234.

Minkejja li l-provvista ta' bunkers per se m'huwiex specifikament elenkat bhala wiehed minn dawk il-krediti li jattiraw privilegg specjali, wiehed jista’ jinterpreta li potenzjalment il-provvista ta' bunkers tista' taqa' taht Artikolu 50(m) u Artikolu 50(g) tal-istess Kap 234.

L-Artikolu 50(g) jistipula :

> ***"l-ispejjez maghmula ghaz-zamma fi stat tajjeb tal-bastiment u tal-apparat tieghu maghduda spejjez ta' provisti u provizjonijiet ghall-ewkipagg tieghu maghmula wara l-ahhar dhul tal-bastiment fil-port; "***

Din il-Qorti taghraf illi il-bunkers in kwistjoni gew suppliti lil bastiment inkwistjoni fit-**19 ta' Marzu 2012**, ghaldaqstant certament **ma jistax jinghad illi l-ispejjez ta' dawn il-bunkers gew inkorsi wara l-ahhar dhul tal-bastiment fil-port**. Dan jirrizulta b’mod inekwivoku minn Dokument **KD3** li jelenka **l-ahhar ghaxar portijiet** li l-bastiment nnaviga; Vide affidavit ta' Ugur Sener, direttur tas-socjeta' Dede Denizcilik Tasimacilik Ticaret Ltd.Sti, li hija sid il-bastiment (**Dok.AA7**).

L-Artikolu 50(m) jipprovdi –

> ***"il-flus li jkollhom jiehdu il-kredituri ghal provizjonijiet, hwejjeg ta' ikel, armament u armar, qabel it-tluq tal-bastiment ghall-ahhar vjagg tieghu:***
>
> ***Izda dan il-privilegg ma jghoddx jekk id-dejn ma jkunx gie maghmul direttament minn sid il-bastiment jew' mill-kaptan, jew, minn mandatarju tas-sid;***

Huwa palezi illi l-fornitura tal-bunkers in kwistjoni ma tistax taqa' taht 50(m) il-ghaliex l-ahhar vjagg kien mit-Tunisija lejn Malta. Skond il-bunker delivery note numru 017 890 jidher illi dawn l-bunkers gew forniti f Bunkering Area 3 gewwa l-ibhra territorjali ta' Malta **f'Marzu 2012** .

In oltre din il-Qorti taghmel accenn ghal dak provdut fl-Artikolu 37D(3) ta' Kap 234:

> ***(3) Bla hsara ghal kull kawza ohra li minhabba fiha tista' skont il-ligi tispicca obbligazzioni, il-privileggi specjali msemmija fl-artikolu 50 ma jispiccawx mal-bejgh tal-bastiment, hlief fil-kaz ta' bejgh maghmul wara ordni jew bl-approvazzjoni ta' qorti kompetenti mill-qorti maghmul skond il-formi stabbiliti bil-ligi, jew meta, wara bejgh volontarju jkun ghadda perijodu ta' sena mid-data tar-registrazzjoni, dokumentazzjoni jew annotazzjoni ta' dak il-bejgh volontarju lir-registru li ghalih il-bastiment jappartjeni jew meta ma tkun tnizzlet ebda registrazzjoni, dokumentazzjoni jew annotazzjoni f'dak ir-registru mid-data tal-gheluq tar-registru tal-bastiment f 'dik ir-registrazzjoni wara dak il-bejgh volontarju, sakemm f 'dak il-perijodu ta' sena ma tkunx ingiebet azzjoni quddiem qorti kompetenti biex tingabar is-somma garantita b'dak il-privilegg.***

Huwa risaput li privilegg specjali jsegwi l-bastiment irrespettivament ta' bdil tal-proprejtarju, hlief ghall-ecezzjonijiet segwenti:

**(a) fejn il-bastiment inbiegh b'ordni tal-qorti (jew b'subbasta jew inkella b'bejgh approvat mill-Qorti ta' bastiment) jew**

**(b) insegwitu ta' sena wara l-bejgh volontarju tal-bastiment sakemm ma tkunx intavolata l-azzjoni quddiem Qorti kompetenti f'dan il-perjodu ta' sena.**

Jidher sodisfacentement ipprovat skond il-ligi illi l-bastiment in kwistjoni inbiegh fit-**30 ta' Marzu 2012** u dan jirrizulta b'mod ampju mic-Certifikat mahrug mill-Ministeru tat-Trasport gewwa t-Turkija (Certificate of Registry), li jindika bhala s-sid lis-socjeta' Turkija Dede Denizcilik Tasimacilik Ticaret Ltd.Sti. Ghaldaqstant anke fl-ipotezi ta' privilegg specjali ai termini ta' Artikolu 50 tal-Kap. 234, il-Qrati Maltin xorta wahda m'ghandhomx gurisdizzjoni f'dan il-kaz 'l ghaliex ghaddiet iktar minn sena mid- data tal-bejgh volontarju tal-bastiment, sad-data tal-hrug tal-mandat ta' arrest.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tghaddi biex tikkonsidera l-kwistjoni tad-danni allegatament sofferti mill-Bastiment.

Il-Qorti rat u ezaminat l-affidavit ta' Ugur Sener (a fol. 96 et seq.) Dok. **AA7**, il-bastiment rikorrenti dahal fl-ibhra territorjali ta' Malta fil-21 ta' Novembru 2013 sabiex jieqaf ghall-bunkers u jkompli lejn il-vjagg tieghu lejn Ravenna. Illi in segwitu tal-mandat t'arrest, Ugur Sener xhed illi l-bastiment irekali danni konsistenti fis-segwenti:

1. L-ammont ta' **€1,421.50** rapprezentanti tal-konsum ta' bunkers f dawk il- 1.875 il-gurnata;

2. Is-somma ta' **€1,621.88** rapprezentanti l-ispejjez tal-agenti u ta' ankragg (pro-rata ghall-dawk i1-1.875 il-gurnata;

3. L-Ammont ta' **€1,466** ghall-ispejjez addizzjonali konsistenti f'port dues, pilotage fees kif ukoll mooring costs li l-bastiment kellu jhallas il-ghaliex bilfors kellu jidhol gol-fort il-Kbir sabiex jigi provdut l-bunkers;

4. Is-somma ta'**€6,562.50** li s-sid tal-bastiment tilef mit-trip time charter minhabba d-dewmien kkawzat mill-arrest illegali;

B'total ta' **€11,071.88**

Ghar-rigward tat-talba ghall-impozizzjoni tal-penali ai termini tal-Artikoli 836(8) u 861 tal-Kapitolu 12, din l-Qorti taghraf illi din hija sanzjoni fakoltattiva, imholliha fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera ghas-sodisfazzjoni taghha, li sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsuba mill-ligi ghall-impozizzjoni tal-istess sanzjoni, u cioe' is-subincizi (a) sa (d), tal-Artikolu 836(8) tal-Kap.12.

Il-Qorti hija tenuta li timponi dawn il-penali **fejn jirrizultaw l-estremi tal-ligi** fuq indikati. Dan huwa artikolu ta' ordni pubblika bl-iskop li jigi assikurat is-serjeta tal-process gudizzjarju u sabiex l-istitut ta' mandati kawtelatorji ma jigix uzat abbusivament - Vide sentenzi fl-ismijiet **"Carmel Farrugia u martu Lucija Farrugia vs Charmaine Farrugia f'isimha proprju u f'isem binha minuri Francesco"** deciza fit-**2 t'Awissu 2012** per **Onor Imhallef Dr. J.R. Micallef**, **"Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited"** deciza fit-**13 ta' Marzu 2003**, per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia** u **"Joseph Rapa vs Raymond Sammut**" **Appell Civili** deciza fit-**13 ta' Marzu 2001**.

Infatti skond l-insenjament tal-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tabone vs Capece Construction Limited (C-52626)**, fl-14 ta' Awissu 2013 u b'referenza ghall-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 dik il-Qorti rriteniet:

> ***"Illi dwar il-kwestjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jinghad li din hia sanzjoni fakoltattiva ll-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultativa, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun settltet wattda mic-cirkostanzi mahsubin mill-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mill-ligi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bttala tassattiti. Dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali bjn***

> ***ikunu jirrizultaw, l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista ' biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha 13. Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta'fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz."***

Illi fil-kaz odjern il-Qorti ma jidhirlix li l-bastiment Dadayli ipprova sodisfacentement skond il-ligi li t-talba ghall-arrest tal-bastiment saret ***"b'malizzja, jew kienet frivola jew vessatorja."*** Din il-Qorti temmen illi t-talba saret bi premessi zbaljati izda mhux intenzjonalment malizzjuzi jew vessatorji u ghaldaqstant, ma jikkonducux lil din il-Qorti tinfliggi din it-tip ta' sanzjoni.

Mankanti prova skond il-ligi ta' malizzja frivolita' jew vessatorjeta', din il-Qorti hija prekluza milli takkorda dak mahsub skond l-Artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Cassar Fuel Limited u tilqa' t-talbiet tal-bastiment **MV K Dadayli** kif ser jinghad:

1. Tilqa' l-ewwel talba limitatament fis-sens li mandat t'arrest 1796/13 JM jew ahjar SM, huwa illegali izda mhux malizzjuz;

2. Tordna r-revoka mandat t'arrest 1796/13 JM jew ahjar SM;

3. Tordna r-rilaxx immedjat tas-somma €20,325.45 depozitata permezz tac-cedola ta' depozitu numru 1541/20l3 a favur il-bastiment MV K Dadayli ; u

4. Tichad it-talbiet minn numru erbgha sa ghaxra tal-bastiment MV K Dadayli;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' Cassar Fuel Limited.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------